MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Numru. 725/2001

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Charles Gouder

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Charles Gouder, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 413372(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli gewwa il-Belt Valletta bejn il-5 ta' Awissu 1997 u il-5 ta' Settembru 1999, bhala il-propjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe' nru 35, Triq il-Gendus, il-Belt, Valletta, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' waqqaf jew biddel il-kejl, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' LM55.58,0 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ai terminu tal-artikoli 261, 263, 264 (2) u 270 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma l-imputat li huwa ricediv b’sentenzi definitivi tal-Qorti tal-Magistrati fejn kien instab hati ta’ serq u pussess ta’ droga eroina nhar it-3 ta’ Mejju 1999 mill-Awla tal-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D u aktar talli nhar it-13 ta’ Ottubru 1999 instab hati ta’ serq u ricettazzjoni mill-Awla tal-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja l-fatt illi l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza fit-2 ta’ Ottubru, 2002, baqa ma sar xejn minn naha tad-difiza sal-ahhar seduta mizmuma mill-Qorti, jigifieri dik tad-19 ta’ Novembru, 2003, u ghaldaqstant wara li ghamlet referenza ghall-verbal taghha tat-12 ta’ Dicembru, 2002, il-Qorti irrilevat illi minn dakinhar sal-lum id-difiza baqghet ma tellghet l-ebda prova, u ghalhekk il-Qorti ma kellha l-ebda alternattiva hlief illi thalli l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi waqt illi kienet qeghda issir l-inkjesta Magisterjali f’fond illi jigi bieb ma bieb ma fejn joqghod l-imputat, jigifieri numru 35 Triq il-Gendus il-Belt Valletta l-impjegati tal-korporazzjoni EneMalta indunaw illi l-meter fejn kien jirrisjedi l-imputat ma kienx qieghed tajjeb u kien hemm suspett illi setgha gie imbaghbas. Ghaldaqstant saret ukoll inkjesta Magisterjali f’dan il-fond fejn jirrisjedi l-imputat; liema inkjesta gie maghluqa mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona.

Illi dwar il-meter fil-fond ta' l-imputat David Zerafa technical officer mal-Korporazzjoni EneMalta xehed illi dan il-meter kien minghajr sigilli, kien imkisser u maqlugh minn postu.

Illi xehed ukoll Anglu Ellul operator mal-Korporazzjoni EneMalta u qal illi meta gie biex ibiddel il-meter in kwistjoni l-imputat ma riedx ihallas il-hamsa u ghoxrin lira u ghalhekk ma setghax jaghmillu meter iehor u kellu jhallih minghajr dawl.

Illi xehed Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni EneMalta, u ipprezenta "breakdown of estimate" u r-rapport ta' "surprise inspection" rigwardanti il-fond in kwistjoni. Is-Sur Decelis xehed illi l-fitter tal-Korporazzjoni EneMalta ha l-"installed load" li kien hemm fil-fond in kwistjoni u s-Sur Decelis hadem il-"breakdown of estimate" ghall-sentejn li matulhom l-imputat irrisjeda fil-fond in kwistjoni fuq l-"installed load" u l-ammont ta' dawl misruq irrizulta li kien dak ta' disgha u hamsin lira u tmienja u hamsin centezmu.

Illi mir-rapport of "surprise inspection" irrizulta illi l-meter fil-fond tal-imputat ma kienx qieghed jahdem kif suppost.

Illi irrizulta matul l-inkjesta Magisterjali illi l-imputat kien ilu jghix fl-imsemmi fond ghal sentejn. Irrizulta ukoll illi l-imputat qatt ma irrapporta personalment f'xi ufficju tal-Korporazzjoni EneMalta dwar il-hsara ta' l-imsemmi arlogg tad-dawl u dana minkejja il-fatt illi l-imputat meta xehed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti kien qal illi huwa kien irrapporta illi l-meter kellu l-hsara lill-Korporazzjoni EneMalta.

Illi irrizulta wkoll illi fil-perjodu li ghix f'dan il-fond l-imputat sar serq ta' dawl, kif ukoll illi kien hemm hsara tal-meter tad-dawl in kwistjoni, ghalhekk il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha wkoll tipprova ir-recidiva fil-konfront ta' l-imputat. Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha

migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 270, 278, 283, 49, 50, 20 u 31 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-fatt illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut, imma jkun aktar opportun kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati illi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni huwa jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 24 tal-Kap. 446 u tordna lill-imputat fuq imsemmi sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas is-somma ta' hamsa u hamsin lira u tmienja u hamsin centezmu lill-Korporazzjoni EneMalta, flimkien ma hamsa u ghoxrin lira ohra rapprezentanti l-hsarat li saru fil-meter in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------